

31998D0600

24.10.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 287/35

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-12 ta' Ottubru 1998****dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' settijiet tas-soqfa trasluċidi li jsostnu lilhom infushom (minbarra s-settijiet ibbażati fuq il-ħġieġ)***(innotifikata taħt id-dokument numru K (1998) 2926)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(98/600/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ta' l-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw prodotti għall-bini ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi l-Kummissjoni hi meħtieġa li tagħżel, bħal bejn iż-żewġ proċeduri permezz ta' l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodott, "l-inqas proċedura diffiċli possibbli konsistenti mas-sigurta"; billi dan iffisser li huwa meħtieġ li jkun deċiż jekk, għal xi prodott partikolari jew familja ta' prodotti, l-eżistenza tas-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-fabbrikant hija kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni tal-konformità, jew jekk, għal raġunijiet marbuta mal-konformità mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp approvat tal-attestazzjoni hu għalhekk meħtieġ;

Billi l-Artikolu 13(4) jitlob li l-proċedura hekk iddeterminata għandha tkun indikata fil-mandati u fil-karatteristiċi tekniċi; billi, għalhekk, tinħass ix-xewqa li jiġi definit il-kunċett ta' prodott jew familja ta' prodotti kif użat fil-mandati u fil-karatteristiċi tekniċi;

Billi iż-żewġ proċeduri li hemm disposizzjoni dwarhom fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal fl-Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi għalhekk jeħtieġ li jiġu speċifikati sewwa l-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom jitwettqu,

b'referenza għall-Anness III, għal kull prodott jew familja ta' prodotti, peress li l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Billi l-proċedura msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi elenkati fl-ewwel possibiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u tielet possibiltajiet tal-punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura riferita fil-punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi elenkati fil-punt (i) tas-sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibiltà, b'sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri li hemm disposizzjoni dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti u familji ta' prodotti elenkati fl-Anness I għandhom ikollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha l-fabbrikant għandu taħt ir-reponsabbiltà unika tiegħu sistema ta' kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika li tassigura li l-prodott huwa konformi mal-karatteristiċi tekniċi rilevanti.

Artikolu 2

Il-prodotti elenkati fl-Anness II għandhom ikollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li permezz tagħha, minbarra s-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika operata mill-fabbrikant, korp approvat tal-attestazzjoni huwa nvolut fil-valutazzjoni u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

⁽¹⁾ ĠU L 40, ta-11.2.1989, p. 12.⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

Artikolu 3

Il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità kif elenkati fl-Anness III għandha tiġi murija fil-mandati għal-linji ta' gwida għall-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-12 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Settijiet trasluċidi għas-soqfa li jsostnu lilhom infushom (minbarra settijiet tal-ħġieġ)

Għal kull użu, minbarra dawk soġġetti għar-regolamenti dwar ir-reazzjoni għan-nar għal prodotti magħmula minn materjal li jidħol taħt il-klassijiet A ⁽¹⁾, B ⁽¹⁾, C ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Il-materjali li r-reazzjoni tagħhom għan-nar hija suxxettibbli għal xi bidla matul il-produzzjoni (b'mod ġenerali, dak soġġett għal bdil kimiku, e.ż. *fire retardants*, jew meta l-bdil fil-komposizzjoni jista' jwassal għal bdil fir-reazzjoni għan-nar).

ANNEX II

Settijiet trasluċidi għas-soqfa li jsostnu lilhom infushom (minbarra settijiet tal-ħġieġ)

Għall-użu soġġett għar-regolamenti dwar ir-reazzjoni għan-nar għal prodotti magħmula minn materjal li jidħol taħt il-klassijiet A ⁽¹⁾, B ⁽¹⁾, Ċ ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Il-materjali li r-reazzjoni tagħhom għan-nar hija suxxettibbli għal xi bidla matul il-produzzjoni (b'mod ġenerali, dak soġġett għal bdil kimiku, e.ż. *fire retardants*, jew meta l-bdil fil-komposizzjoni jista' jwassal għal bdil fir-reazzjoni għan-nar).

ANNEX III

Nota: Għal settijiet li għandhom aktar minn użu intiż wieħed speċifikat fil-familja li ġejjin, id-doveri għall-korp approvat, li joriġinaw mis-sistemi rilevanti tal-attestazzjoni ta' konformità, huma kumulattivi.

FAMILJA TA' PRODOTTI

SETTIJET GĦAS-SOQFA TRASLUĊIDI LI JSOSTNU LILHOM INFUSHOM (MINBARRA SETTIJET TAL-ĦĠIEĠ) (1/3)**1. Sistemi tal-attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiżi elenkati hawn taħt, l-EOTA huwa mitlub li jspecifika is-sistema(i) li ġejjin tal-attestazzjoni tal-konformità skond il-linji ta' gwida rilevanti għall-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej:

| Prodott(i) | Użu intiż | Livell(i) jew klassi(jiet) | Attestazzjoni tas-sistema(i) tal-konformità |
|--|--|----------------------------|---|
| Settijiet trasluċidi għas-soqfa li jsostnu lilhom infushom (minbarra settijiet tal-ħġieġ) | Għall-użu f'soqfa u għall-finitura tas-soqfa | — | 3 |

Sistema 3: Ara CPD I-Anness III (2)(ii), it-tieni possibiltà.

2. Kondizzjonijiet li għandhom jiġu applikati mill-EOTA dwar il-karatteristiċi tal-attestazzjoni tas-sistema tal-konformità.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma tkunx teħtieġ li tiġi ddeterminata għal xi karatteristika partikolari, għaliex mill-inqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għall-karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tal-CPD u, meta applikabbli, il-klawsola 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każi il-verifika tal-karatteristika bħal din m'għandhiex tiġi mposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jixtieqx jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

FAMILJA TA' PRODOTTI

SETTIJJIET TAS-SOQFA TRASLUĊIDI LI HUMA LI JSOSTNU LILHOM INFUSHOM (MINBARRA SETTIJJIET TAL-ĦĠIEĠ) (2/3)**1. Sistemi tal-attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiżi elenkati hawn taħt, l-EOTA huwa mitlub li jspecifika is-sistema(i) li ġejjin tal-attestazzjoni tal-konformità skond il-linji ta' gwida rilevanti għall-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej:

| Prodott(i) | Użu intiż | Livell(i) jew Klassi(jiet) | Attestazzjoni tas-sistema(i) tal-konformità |
|--|--|---|---|
| Settijiet trasluċidi għas-soqfa li jsostnu lilhom infushom (minbarra settijiet tal-ħġieġ) | Għall-użu soġġett għar-regolamenti ta' l-imġieba esterna għan-nar. | Prodotti li jeħtieġu l-ittestjar | 3 |
| | | Prodotti "kkunsidrati sodisfaċenti" mingħajr ittestjar ⁽¹⁾ | 4 |

⁽¹⁾ Għad jrid jiġi kkonfermat f'diskussjonijiet mal-Grupp tar-Regolaturi tan-Nar.

Sistema 3: Ara CPD l-Anness III (2)(ii), it-tieni possibiltà.

Sistema 4: Ara CPD l-Anness III (2)(ii), it-tielet possibiltà.

2. Kondizzjonijiet li għandhom jiġu applikati mill-EOTA dwar il-karatteristiċi tal-attestazzjoni tas-sistema tal-konformità.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tista' tkun implementata wkoll anki meta l-imġieba ma tkunx teħtieġ li tkun iddeterminata għal xi karatteristika partikolari, għaliex mill-inqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda ħtieġa legali għal karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tal-CPD u, meta applikabbli, il-klawsola 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każi il-verifika tal-karatteristika bħal din m'għandhiex tiġi mposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieqx jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

FAMILJA TA' PRODOTTI
**SETTIJIET TRASLUĊIDI GĦAS-SOQFA LI JSOSTNU LILHOM INFUSHOM (MINBARRA SETTIJIET
 TAL-ĦĠIEĠ) (3/3)**

1. Sistemi tal-attestazzjoni tal-konformità.

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiżi elenkati hawn taħt, l-EOTA hija mitluba li tispesifika s-sistema(i) li ġejjin tal-attestazzjoni tal-konformità fil-linji ta' gwida rilevanti għall-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej:

| Prodott(i) | Użu intiż | Livell(i) jew Klassi-(jiet) | Attestazzjoni tas-sistema(i) tal-konformità |
|--|---|--|---|
| Settijiet trasluċidi għas-soqfa li jsostnu lilhom infushom (minbarra settijiet tal-ħġieġ) | Għall-użu soġġett għar-regolamenti ta' l-imġieba tan-nar. | A ⁽¹⁾ , B ⁽¹⁾ , Ċ ⁽¹⁾ | 1 |
| | | A ⁽²⁾ , B ⁽²⁾ , Ċ ⁽²⁾ | 3 |
| | | A ⁽³⁾ , D, E, F | 4 |

⁽¹⁾ Materjal li għalih ir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar hija suxxettibbli għal xi bidla matul il-produzzjoni (b'mod ġenerali bidla kimika, e.g. *fire retardants*, jew l-bidla fil-komposizzjoni tista twassal għal bidla fir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar).

⁽²⁾ Materjal li għalih ir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar mhix suxxettibbli għal xi bidla matul il-produzzjoni.

⁽³⁾ Materjal ta' klassi A li skond id-Deċizzjoni 96/603/KE ma jeħtieġx li jġi ittestjat għar-reazzjoni għan-nar.

Sistema 1: Ara CPD L-Anness III (2)(ii), mingħajr "ittestjar ta' l-awditjar" tal-kampjuni.

Sistema 3: Ara CPD L-Anness III (2)(ii), it-tieni possibiltà.

Sistema 4: Ara CPD L-Anness III (2)(ii), it-tielet possibiltà.

2. Kondizzjonijiet li għandhom jġu applikati mill-EOTA dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-attestazzjoni tas-sistema tal-konformità.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma tkunx meħtieġa li tiġi stabbilita għal xi karatteristika partikolari, għaliex mill-inqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għall-karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tal-CPD u, meta applikabbli, il-klawsola 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każi il-verifika tal-karatteristika bħal din m'għandhiex tiġi mposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.